# Isimhom Jgħix Għal Dejjem

minn Brian Vigar

## 125 Sena tat-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tal-Knisja Tagħna

### *3 ta' Ġunju 1877 - 3 ta' Ġunju 2002*

Il-ħruġ tad-digriet ta' Mons. Arċisqof Carmelo Xikluna nissel sens ta' urġenza biex jinbeda x-xogħol fl-iqsar żmien possibbli għall-bini tal-knisja. Ir-Rev. Dun Pawl Vella skond ir-Rit Pontifikali, qiegħed salib kbir ta' l-injam fejn kellu jkun l-altar maġġur. Il-Kumitat għażel dan, biex issir fl-20 ta' Mejju 1877. F'din il-ġurnata waslet il-banda mużikali ta' Birkirkara u qagħdet iddoqq sakemm bdiet il-funzjoni. Dun Pawl Vella wasal fuq il-post u qiegħed is-salib ta' l-injam filwaqt li l-banda daqqet l-innu tal-Papa. Dun Pawl, f'kelmtejn minn tiegħu fakkar li din hija ġrajja importanti għax l-art li fuqha kienu, ġiet iddedikata lil Alla. Din kellha tkun ir-raba' knisja ddedikata lil Marija f'Tas-Sliema.

Fit-3 ta' Ġunju 1877, id-dinja Kattolika kienet qiegħda tfakkar il-50 sena tal-konsagrazzjoni episkopali tal-Papa Piju IX. F'din il-ġurnata l-Papa bagħat il-barka speċjali tiegħu biex tingħata dakinhar filgħaxija.

Il-post kien imdawwar bi bnadar, ħaxix, liedna u fjuri filwaqt li l-Banda La Valette daqqet mat-toroq fosthom Triq Prince of Wales u Triq Santa Marija. L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fuq l-għatba tal-bieb il-maġġur. Taħt din il-ġebla tqiegħdu: skrizzjonijiet bl-ismijiet ta' Dun Pawl Vella, u Dun Gavino Mamo, troffa tax-xagħar tal-Papa Piju IX, numru ta' relikwiji tal-qaddisin, flus antiki tal-kavallieri, u oħrajn Ingliżi. Tas-Sliema kienet qed tissiġilla s-sejħa tagħha li tkun taħt il-ħarsien tal-Madonna.

Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni se jinbena maħżen fi Triq il-Karmnu biex ifakkar dan l-avveniment storiku ta' 125 sena ilu fil-parroċċa tagħna. Il-permess ta' dan il-maħżen ġdid diġà ħareġ mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

## 60 Sena mill-Ħerba tal-Gwerra

### *1 ta' April 1942 - 1 ta' April 2002*

Kien l-għada tal-festa titulari ta' l-10 ta' Ġunju 1940 meta l-Italja ddikjarat gwerra fuq l-Ingilterra. L-għada sar l-ewwel *air raid* u ntefgħu l-ewwel bombi fuq Tas-Sliema. Kien bejn it-3 u l-4 ta' Awissu meta seħħ l-ewwel attakk fuq il-knisja, meta l-bombi laqtu s-sagristija. Saret ħafna ħsara u ntilef ħafna armar tal-knisja, ilbies liturġiku u anki armar ta' barra, fosthom disa' statwi.

Intilfet ukoll il-pittura antika tal-kwadru titulari kif ukoll il-pittura antika ta' San Ġużepp, ta' Ġużeppi Calì. Iżda l-akbar diżgrazzja kienet dik ta' l-1 ta' April 1942 fejn iġġarrfet parti mill-knisja u l-kunvent kollu. Kien l-Erbgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira meta l-Ġermaniżi nvadewna bil-bombi madwar il-knisja. Id-djar ta' fuq in-naħa tax-xellug, kollha ġġarrfu u ġew meqruda għal kollox. Il-ġenb tal-knisja li tagħti ma' dawn id-djar iġġarraf, fejn kien hemm il-kappella ta' Pompej u parti ta' San Lawrenz. Xi nies fil-knisja sabu ruħhom mirdumin taħt ġebel kbir minn tal-knisja.

Tnejn min-nies kienu mietu filwaqt li l-Kappillan P. Ġorġ Xerri O.F.M. u mara oħra korrew gravi u ttieħdu l-isptar tal-*Blue Sisters*. Tkissru l-ħġieġ tat-twieqi kollha u l-linef li kien hemm fin-navi nfaqgħu bil-*blast*. Dawn kienu ntramaw darba biss fil-festa ta' l-1940. Tfarrket ukoll in-niċċa l-kbira tal-Madonna li kien hemm taħt l-istatwa ta' Lourdes.



*Daħna ta' trab meta ġġarrfet parti mill-Knisja nhar l-1 ta' April 1942*

Il-patrijiet u l-parruċċani baqgħu mbellħin wara din il-ħerba kollha, wara tant sagrifiċċji u xogħol biex tkabbret u ssebbħet il-knisja. Sensiela minn dawn il-bombi waqgħu fuq il-kunvent li ġie meqrud għal kollox. Din kienet l-akbar diżgrazzja li ġrat f'Tas-Sliema matul il-gwerra. Dakinhar fil-kunvent biss mietu 22 persuna li fosthom kien hemm Patri Diego Galdes O.F.M.

B'kollox fl-attakk mietu 28 persuna u ndarbu serjament 23 oħra. Wara dan l-attakk il-patrijiet sabu ruħhom mingħajr saqaf u mingħajr xejn, sakemm il-providenza pprovdiet dar, numru 151 fi Strada Rodolfu.

Mal-qerda tal-kunvent intilef l-

*ikompli minn paġna 59*

armar kollu ta' l-injam u l-arkati tal-ħadid. Dan kien kollu merfugħ fi kmamar ħdejn l-uffiċċju parrokkjali. Inqerdet ukoll l-istatwa kbira u sabiħa ta' San Franġisk maħduma fl-1919 mill-artist Carmelo Mallia. Għal darb'oħra l-patrijiet kellhom jirrikorru għall-ġenerożità tal-parruċċani u benefatturi biex ikunu jistgħu jerġgħu jibnu l-kunvent kif ukoll il-knisja.

**Referenza:**

Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor Sliema – Tagħrif Storiku Patri Ġużepp Vella



***Il-ħsara fil-Kappella ta' Sant'Antnin, minn ġewwa***